# MIKIEL ANĠLU SAPIANO (L-Arluġġar)
## u x-xogħlijiet tiegħu



Huwa twieled l-Imqabba fid-19 ta' Marzu ta' l-1826, iben Baskal u Teresa nee' Agius. Meta kien żgħir, ma tantx tgħallem skola, u beda l-karriera tiegħu bħala mastrudaxxa. Fl-istess żmien beda jinteressa ruħu fis-sengħa ta' l-arloġġi u beda jitgħallem taħt l-arluġġar Kalċidon Pisani. Huwa fetaħ ħanut tat-tiswijiet ta' l-arloġġi f'Ħal Luqa, u aktar tard, huwa żżewweġ lil Mikelina nee' Mifsud minn Ħal Luqa stess. Fl-1857 reġa' żżewweġ minħabba li l-ewwel mara li kellu kienet mietet ftit qabel. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, il-fama bdiet tikber, meta Mikielanġ beda jsewwi xi arloġġi tal-Knejjes, fosthom dak ta' l-Imqabba. Fl-1894 rebaħ il-midalja tal-fidda f'wirja ta' l-Industrija Maltija, filwaqt li fl-1908 irċieva ċertifikat u midalja tad-deheb. Huwa miet fit-2 ta' Diċembru 1912.

1860 L-Arloġġ tal-kampnar fil-Gudja
1862 L-Arloġġ tal-kampnar f'Kirkop
1871 L-Arloġġ tal-kampnar fid-Dragonara
1872 L-Arloġġ tal-kampnar f'Attard
1873 L-Arloġġ tal-kampnar tal-knisja tal-Kalkara
1873 L-Arloġġ fl-Universita' (Uffiċċju tad-Dwana)
1875 L-Arloġġ tal-kampnar fix-Xewkija
1875 L-Arloġġ tal-kampnar f'Tas-Sliema
1875 L-Arloġġ tal-kampnar fil-Mellieħa
1875 L-Arloġġ tal-kampnar fil-knisja ta' S. Liberata (Bormla)
1875 Miżien kbir fid-Dipartiment ta' l-Uffiċċju tad-Dwana
1877 L-Arloġġ tal-kampnar fin-Nadur (Għawdex)
**1877 L-Arloġġ tal-kampnar f'Ta' Sannat**
1877 L-Arloġġ fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata
1878 L-Arloġġ tal-kampnar f'Casal Curmi
1881 L-Arloġġ tal-kampnar f'Casal Luca
1882 L-Arloġġ tal-kampnar f'Ħaż-Żebbuġ (Malta)
1885 L-Arloġġ tal-kampnar tal-knisja tax-Xagħra
1886 L-Arloġġ tal-kampnar fil-knisja tal-Vittorja (Qormi)
1887 L-Arloġġ tal-kampnar tal-knisja Katidrali
1889 L-Arloġġ tal-kampnar ta' S. Katerina, fl-Lixandra, l-Eġittu
1889 - L-Arloġġ tal-kampnar fil-Mosta
1893 L-Arloġġ tal-kampnar f'Bormla
1894 L-Arloġġ tal-kampnar fis-Siġġiewi
1894 Immodifika l-Arloġġ fil-Palazz tal-President (il-Belt)



*L-Arloġġ tal-kampnar fil-knisja Ta' Sannat (1877)*